# Il-Marsa u l-istoriku Gian Franġisk Abela

Kitba ta' Lorenzo Zabra



Gian Franġisk Abela kien l-ewwel Malti li mixgħul mill-imħabba lejn il-Gżira Maltija tana l-ewwel kitba dwar ġrajjiet Malta. Kienet is-sena 1647 meta ppubblika l-Ġrajja Maltija f'kitba bit-Taljan biex hekk l-isem u l-ġrajjiet tagħna saru magħrufa mill-barranin.

Dan Gian Franġisk kien mill-familja Abela li kienu jabitaw fil-Birgu billi kienu padruna ta' xwieni li jivvjaġġaw fil-Mediterran. Huwa twieled fl-1582, Ommu kienet mill-familja Xara. Huwa kellu oħtu li iżżewwġet fil-familja De Robertis li kellha l-palazz fil-Belt, illum Lukanda Castille. Huwa studja f'Bolonja lura f'Malta intrabat mal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann u meta miet ġie midfun fil-Kappella tal-Madonna ta' Filermo fil-Kon Kattidral San Ġwann.

Imma dan Abela kellu rabta wkoll mal-Marsa. Għaraf li fuq l-għolja tal-Marsa kien post addattat ħafna biex hemm jgħix fil-hena u l-paċi. Dan minkejja li l-Marsa kienet meqjusa ta' ħsara għas-saħħa minħabba l-ilma qiegħed. Imma Abela għaraf li dan kien kawża li l-artijiet dejjem iħaddru bil-ħxejjex għalhekk għażel l-għolja tal-Marsa biex bena villa għall-mistrieħ.

Kienet imsejħa l-għolja ta' Kortin erba' mitt sena ilu. Bena villa li kien jisimha San Giacomo li kienet imdawwra bi ġnien kbir u fin-nofs kienet id-dar fejn għex fis-solitudni u l-paċi. Kienet villa b'erba' kmamar u sala fuq fejn fiha kien sab il-linja meridjana. Fuq il-bieb ewlieni kienu l-armi tal-Ordni, tal-Gran Mastru renjanti De Paul u ta' Abela. Kellu fiha wkoll kappella dedikata lill-Anġlu Kustodju fejn kien iqaddes. F'nofs il-ġnien kien hemm obelisk.

Din il-Villa huwa kien għamilha l-ewwel Mużew li kellna. Kien ġabar bosta oġġetti u kien jiġbor saħansitra dak li kien isib f'Xatt il-qwabar li mill-isem wieħed jinduna li kien hemm bosta oqbra jew għerien li llum nsejħulhom Katakombi - li bla dubju kien jgħarbel u jfittex fihom tifkiriet tal-imgħoddi.

Meta miet kien ħalla dan il-Mużew f'idejn il-Ġiżwiti, tant li l-għolja kienet ħadet isimhom, imma l-Ġiżwiti fl-aħħar tas-seklu 18 marru lejn Għajn Dwieli u kienu ħallewha f'idejn qassis xwejjaħ. Meta miet il-Qassis għamlet żmien mitluqa u abbandunata sa ma kienu xtraw bosta oġġetti il-Markiżi Barbaro u Testaferrata. Żmien il-ħakma Ngliża meta fl-1811 tlestiet il-Biblioteka, kienu nġabru fil-Biblioteka dawk l-oġġetti li kien baqa' fejn kien ingħata bidu għall-Mużew tan-Nazzjon. Imma bosta oġġetti kienu għosfru waqt li l-villa sfat abbandunata.

Illum ħarsa lejn l-Għolja tal-Ġeżwiti jara żvilupp ieħor li jitolbu l-esigenzi tal-ħajja. Power Station li minnha tiddependi l-ħajja moderna eletrika.